MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 164/2003

**Victoria Fenech**

**Vs**

**Gaetano Mallia Bonello**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm807.75 (tmien mija u seba' Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti mill-attrici.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-attrici titlob lil konvenut sabiex ihallas l-ammont kumplessiv ta' tmien mija u seba` liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu rapprezentanti danni ngenti li gew sofferti mill-attrici minhabba l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut, in kwantu ghall-ammont ta' hames mija u seba`

u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm557.57) prezz ta’ bieb ta’ barra inkluz il-VAT izda inkluz il-prezz tas-serratura, in kwantu sebghin lira Maltin (Lm70) prezz ta tiswija tal-vettura tad-ditta Daewoo HAC 223, u in kwantu mija u tmenin lira Maltin (Lm180) prezz ta’ telf ta’ xoghol u spejjez medici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittri bonarji datati rispettivament 1 ta’ Marzu, 2002u 17 ta’ Lulju, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali datata Settembru, 2002 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-
It-talba attrici ghandha tigi respinta peress li hija ghal kollox infondata kemm legalment u kif ukoll fattwalment oltre ghar-ragunijiet specifici segwenti:-
1. Preskrizzjoni ta’ l-azzjoni odjerna;
2. Nuqqas ta’ interess guridiku da parti ta’ l-attrici;
3. Meritu ezawrit per via ta’ transazzjoni;
4. Nuqqas ta’ integrita ta’ gudizzju stante li l-attrici zammet responsabbli zewg persuni ohra oltre ghall-konvenut
5. Nuqqas ta’ responsabbilta tal-konvenut
6. Nuqqas ta’ hsarat
7. Ammont ezagerat.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidra:
Illi l-partijiet talbu it-Tribunal sabiex jiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenut.

L-allegat kaz dwar liema l-attrici qed titlob ir-risarciment tad-danni jirrisali ghat-18 ta' Awissu 1998. L-azzjoni attrici giet intavolata fit 22 ta' Jannar 2003. L-attrici taghmel referenza ghall-ittra ufficjali prezentata f' Settembru 2002, pero' kopja legali ta' liema ma gietx prezentata.

It-Tribunal jaghmel referenza ghad-decizjoni tieghu fl-ismijiet "Melbourne Co Ltd. vs AIC Lawrence Montebello"

fejn gie indikat kif isir il-prova tal-interruzzjoni o meno tal-preskrizzjoni dejjem skond it-termini tal-ligi. Lanqas ma l-attrici ma allegat xi terminu ta' preskrizzjoni itwal aktar minn sentejn.

Illi l-attrici naqset li tipprova li l-azzjoni taghha hija preskritta u ghalhekk l-istess eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------